Verżjoni Elettronika

A.L. 201 tal-2023

ATT DWAR L-ILSIEN MALTI
(KAP. 470)

Regolamenti tal-2023 li Jwaqqfu ċ-Ċentru tal-Ilsien Malti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 24 tal-Att dwar l-Ilsien Malti, il-Ministru responsabbli għall-ilsien Malti għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li Jwaqqfu ċ-Ċentru tal-Ilsien Malti.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jiġi mwaqqaf iċ-Ċentru tal-Ilsien Malti bħala l-organu amministrattiv, organizzattiv u operattiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-ilsien Malti jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 470.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Ilsien Malti, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor;

"Ċentru" tfisser iċ-Ċentru tal-Ilsien Malti mwaqqaf bir-regolament 3 u li huwa l-organu eżekuttiv tal-Kunsill;

"Direttur Eżekuttiv" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ilsien Malti" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Kap Eżekuttiv" tfisser il-Kap Eżekuttiv taċ-Ċentru, kif provdut fir-regolament 4;

"Kunsill" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Ministru" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-

Verżjoni Elettronika

Att;

"sena finanzjarja" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"uffiċjal pubbliku" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att.

Twaqqif taċ-Ċentru.

3. (1) Għandu jkun hemm Ċentru, li għandu jkun magħruf bħala ċ-Ċentru tal-Ilsien Malti, għall-għanijiet primarji li jappoġġja l-amministrazzjoni, l-organizzazzjoni u l-operat tal-Kunsill, jassisti lill-Kunsill fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu u jwettaq proġetti għall-avvanz ulterjuri tal-Ilsien Malti.

(2) Iċ-Ċentru għandu jkun organu eżekuttiv tal-Kunsill, responsabbli mit-tmexxija ta' kuljum tal-Kunsill.

Kap Eżekuttiv.

4. (1) Il-Kap Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Ministru.

(2) Il-Ministru jista' joħroġ sejħa pubblika qabel jaħtar persuna bħala Kap Eżekuttiv. Il-Ministru għandu jiżgura li l-persuna magħżula għandha kwalifiki professjonali, ħiliet u kompetenzi li permezz tagħhom tista' twettaq l-irwol tagħha.

(3) Ir-regolament 7(3) u (4) għandu japplika *mutatis mutandis* għall-persuna li tkun qed isservi fl-irwol ta' Kap Eżekuttiv.

Tmexxija taċ-Ċentru.

5. Il-Kap Eżekuttiv għandu jkun responsabbli mit-tmexxija ta' kuljum taċ-Ċentru.

Funzjonijiet taċ-Ċentru.

6. (1) Għandha tkun il-funzjoni u l-għan taċ-Ċentru li:

(a) jappoġġja lill-Kunsill fil-funzjonament tiegħu u fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari, iżda mhux limitatament:

(i) għall-promozzjoni u l-apprezzament tal-ilsien Malti f'Malta u lill hinn;

(ii) għat-tkabbir tal-għarfien u l-użu tajjeb tal-ilsien Malti, anki permezz ta' kollaborazzjonijiet, pubblikazzjonijiet u l-utilizzazzjoni tal-internet u għodod diġitali;

(b) jappoġġja lill-organi l-oħra tal-Kunsill fil-funzjonament u fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari, iżda mhux limitatament:

(i) għat-tfassil ta' pjani ta' ħidma u t-twettiq

Verżjoni Elettronika

tagħhom;

(ii) għat-twettiq tal-proġetti rispettivi;

(iii) għall-ħruġ ta' pubblikazzjonijiet informattivi u ta' linji gwida;

(ċ) ifassal u jwettaq proġetti għall-avvanz ulterjuri tal-ilsien Malti, b'mod partikolari, iżda mhux limitatament:

(i) għas-sostenn tal-eżistenza tal-ilsien Malti;

(ii) għall-preżenza sħiħa u b'saħħitha tal-ilsien Malti fl-isfera diġitali;

(iii) għall-iżvilupp u l-ġestjoni ta' għodod li jiżguraw is-sostenibbiltà tal-ilsien Malti;

(d) jappoġġja u jassisti lid-Direttur Eżekuttiv fil-qadi u fit-twettiq tad-dmirijiet u tal-funzjonijiet tiegħu kif stipulati fl-Att;

(e) jappoġġja u jassisti lill-Kunsill sabiex jaderixxi mat-Tqasima IV tal-Att;

(f) jappoġġja u jassisti lill-Kunsill fit-twettiq tad-dmir tiegħu li jipprepara u jippreżenta r-rapport annwali tiegħu kif stipulat fl-Att u li għandu jinkludi wkoll rapport mill-Kap Eżekuttiv dwar ħidmet fiċ-Ċentru;

(g) jappoġġja u jassisti lill-Ministru fit-twettiq tal-funzjoni tiegħu li jlaqqa' l-Forum Nazzjonali għall-Ilsien Malti skont l-artikolu 11 tal-Att.

(2) Għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet taċ-Ċentru, il-Kap Eżekuttiv jista' jwaqqaf unitajiet, diviżjonijiet u sezzjonijiet hekk meħtieġa fl-istruttura organizzattiva għal ġestjoni effiċjenti tal-affarijiet u x-xogħol tal-Kunsill u taċ-Ċentru.

(3) Iċ-Ċentru għandu jidħol fi ftehim dwar il-prestazzjoni mas-Segretarju Permamenti. Dan il-ftehim għandu jirregola:

(a) l-operat tal-Kunsill u ċ-Ċentru, inkluż l-obbligu li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u d-direttivi maħruġa taħt l-istess Att; Kap. 595.

(b) proġetti, inkluż il-miri taż-żmien rilevanti;